**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, għaxra (10) ta' Jannar 2023**

Kawża Numru: 17/2022 (JPG)

**Go plc (C22334)**

**vs**

**Alessio Spata (K.I. 129489A)**

- **Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tas-socjeta' attrici ipprezentat fis-6 ta' Gunju 2022 fejn is-socjeta' attrici Go plc (C22334) ippremetit s-segwenti: -

*"Illi l-konvenut Alessio Spata huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn seba' mija u wiehed u tletin ewro u hames centezmi (€2,731.05) in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija provduti fuq l-account numru 40894236 bin-numru telefoniku 7901440.*

*Illi l-konvenut gie interpellat kemm il-darba mill-attrci ghal hlas izda baqa' inadempjenti.*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet legali, kollha kontra l-konvenut."*

Ra li l-intimat għalkemm ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, huwa naqas li jipprezenta risposta entro t-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hu personalment jew rappreżentant legali tiegħu għas-smiegħ ta' dan il-kaz biex jikkontesta dak reklamat mis-socjeta attrici;

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta attrici Miriam Curmi fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Diċembru 2022;

Ra l-atti kollha tal-proċess inkluz wkoll id-dokumenti kollha prezentati;

- ***Kunsiderazzjonijiet Fattwali***

Ikkunsidra

Għalkemm minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li l-intimat baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja mhix ekwivalenti għall-ammissjoni tat-talbiet tas-socjeta attrici. L-istess socjeta attrici xorta kienet taħt l-obbligu li hija tipprova l-kaz sal-grad li trid il-liġi fi proceduri civili. It-Tribunal iqis li s-socjeta attrici dan għamlitu sodisfacentement:

(a) Miriam Curmi għan-nom tas-socjeta attrici ikkonfermat li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba għadu dovut fl-interita tiegħu;

(b) Is-socjeta attrici ipprezentat wkoll mal-avviz tat-talba l-kopja tal-kuntratt oriġinali li kien sar mal-intimat sabiex l-intimat jottjeni s-servizzi mitluba minnu mingħand is-socjeta attrici u statement tal-ammonti dovuti mill-istess intimat. Dawn id-dokumenti kollha ġew konfermati bil-ġurament mill-istess Miriam Curmi għan-nom tas-socjeta attrici fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Dicembru 2022 waqt id-deposizzjoni tagħha.

Konsegwentement għalhekk it-talbiet tas-socjeta attrici jimmeritaw li jiġu milqugħha.

Għar-rigward minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxxijiet bl-ogħla rata permessa mil-liġi, dawn għandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba u cioe mid-data tas-sitta (6) ta' Ġunju 2022. Dan għaliex mill-atti ma jirrizultax li kienet saret xi sejħa għall-ħlas permezz ta' xi att ġudizzjarju qabel il-prezentata ta' dawn il-proceduri.

- ***Decide***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' elfejn seba' mija u wiehed u tletin ewro u hames centezmi (€2,731.05) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tas-sitta (6) ta' Ġunju 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

(ft.) Dr Jean Paul Grech LL.D.
Gudikant

(ft.) Rebekah Mizzi
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur